MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 320/2007/1

**Roberta Fenech Gauci**

**vs**

**Korporazzjoni dwar is-Servizz ta' l-Ilma u**
**l-kjamat in kawza Middlesea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta April 2007, fejn intalab sabiex il-korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta Lm850 illum ekwivalenti ghal Euro1,979.96c rapprezentanti valur ta oggetti mobbli proprjeta tal-mittenti li gew nieqsa wara li

thallew f'zona kontrollata mill-istess Korporazzjoni u ghal liema nuqqas hi responsabbli il-Korporazzjoni kif ser jigi debitament spjegat waqt l-ismiegh tal-kawza.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta datata 2 ta’ Mejju 2007 fejn fl-ewwel lok affermat li din it-talba ghandha tigi ndirizzata wkoll lis-socjeta assikuratrici Middlesea Insurance plc; fit-tieni lok ecceppiet li l-korporazzjoni ma hiex responsabbli stante li hija l-attrici stess li kellha tkun responsabbli ghal hwejjigha u difatti l-oggetti sfaw nieqsa minnhabba t-traskuragni tal-istess attrici. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

B'riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ohra.

Innota li permezz ta’ digriet datat 11 ta’ Mejju 2007 gie ordnat sabiex tissejjah fil-kawza is-socjeta assikuratrici Middlesea Insurance plc;

Ra r-risposta tas-socjeta Kjamata fil-kawza datata 27 ta Gunju 2007 fejn fl-ewwel lok eccepiet li ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma l-attrici u kwindi ma hiex il-legittimu kontradittur u li fil-meritu kien jinkombi fuq l-attrici tipprova xi nuqqas da parti tal-Korporazzjoni konvenuta u kif ukoll iggib il-prova fuq il-kwantum tad-danni mitluba.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-attrici.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Sema l-avukati difensuri tal-partijiet jitrattaw verbalment.

Ezamina n-noti ta' referenzi prezentati mill-kontendenti attrici u korporazzjoni konvenuta.

Ikkunsidra.

Il-meritu ta' dan il-kaz jikkoncerna allegazzjoni da parti tal-attrici illi l-basket taghha safa nieqes mill-ufficini tal-Korporazzjoni konvenuta waqt li hija kienet qieghdha tinqeda fl-istess ufficcju tal-Belt Valletta.

Ix-xhud PC1161 Stephen Saliba xehed illi l-attrici kienet ghamlet rapport l-ghassa tal-Belt fejn affermat li l-hand bag taghha li kien fuq siggu fl-ufficcini tal-Korporazzjoni konvenuta safa nieqes sakemm marret biex thallas fit-tieqa tal-kaxxiera. Meta raw il-playback tas-CCTV camera, innotaw li f'hin minnhom il-basket tal-attrici kien jidher fuq is-siggu u f'hin iehor ma deherx minnghajr ma ntwera kif tnehha minn hemm. Fuq it-tape kien hemm pawsa ta' zewg minuti u meta l-pulizija ndagaw fuq din id-diskrepanza, xi ufficcjal tal-korporazzjoni konvenuta ma gharafx jispjega dan l-akkadut anzi kkummenta li din kienet haga stramba. Xehed ukoll li l-kamra fejn kien hemm l-apparat tar-recording kienet tinzamm miftuha u kulhadd seta jidhol u johrog liberament.

In kontro-ezami dan ix-xhud jikkonferma li fuq dan it-tape seta jinnota li apparti l-attrici kien hemm persuni ohra tal-pubbliku qieghdin jinqdew. Fuq domanda tat-Tribunal jafferma li meta l-pulizija accedew fuq il-post, l-ufficini kienu maghluqa ghal pubbliku pero l-impjegati kienu liberi li jidhlu u johorgu kif iridu.

Ir-rapport ta' l-attrici jinsab esebit minn a fol 21 Dok SS1. Minn ezami ta' l-istess huwa nteressanti li jigi notat li kien rappurtat li l-attrici halliet il-handbag taghha *"in the public area"* u li l-hand bag safa nieqes mill-hin 13.53,47 sa 13.54,57 cioe

minuta u 10 sekondi u li f'liema interval il-cameras ma kienux qed jahdmu.

Mark Lupi bhala chief information officer mal-Korporazzjoni konvenuta xehed illi s-sistema tal-cameras jahdmu b'mod awtomatiku fis-sens illi r-recording jiskatta hekk kif l-apparat jissensja moviment bhal per ezempju tghaddi persuna. Tenut kont ta' din l-ispjegazzjoni ta kif tahdem is-sistema pero tibqa haga inspjegabbli kif allura l-camera ma haditx il-moviment tal-persuna li hadet il-handbag. Qal ukoll li s-solitu jkun hemm persUna li xogholha tkun li timmoniterja li l-apparat qed jahdem tajjeb u b'mod kostanti. In segwitu pero jafferma li ma kien hemm ebda persuna nkarikata mill-Korporazzjoni sabiex tissorvelja l-cameras.

Daniela Gauci li kienet tahdem mal-Korporazzjoni konvenuta, pero f'Hal Luqa, kienet ghamlet playback tal-film u tiftakar li fil-film kienet rat il-handbag taht siggu fejn ipoggu l-klijenti. Hija ma ratx lil dan il-hand bag jingabar pero tiftakar li f'hin minnhom ratu hemm u f'hin iehor ma kienx prezenti. Il-hand bag ma kienx deher ezattament fil-file ta' wara dak fejn kien deher u bejn file u iehor kien ghadda l-hin liema hin kien indikat fuq il-monitor. Tghid ukoll illi l-access ghas-sistema hija minn password li tkun trid tigi lloggjata liema password ikun jafha l-manager tal-Belt Tony Vella. Fil-fatt hija setghet taccedi ghal filmat ghax tal-Belt ghaddewlha l-password. Skond dan ix-xhud certu Tony Vella kien responsabbli mill-ufficcju tal-Belt.

Ix-xhud Anhony Vella li kien jahdem mal-customer relations il-Belt ighid li ma kienx prezenti meta gara l-kaz pero aktar tard ghal habta tal-4.00pm nizel fl-ufficcju tal-Belt. L-ufficcju tal-Belt jaghlaq ghal pubbliku fis-1.30pm pero n-nies ta' gewwa jibqghu jinqdew. Huwa jafferma pero li personalment qatt ma kellu access ghas-sistema u anqas ma jaf kif tahdem u anqas min kellu l-

access. Huwa ighid li fil-hin tal-incident kien hemm klijenti qed jinqdew mal-counter u xi mara ohra bil-qieghda. Ra l-basket in kwistjoni fuq l-ahhar siggu u ma kien hemm hadd hdejh. F'mument minnhom ghalkemm il-basket ma baqax jidher fuq il-video pero fl-istess hin ma ra lil hadd jiehdu fisikament. Jafferma li l-apparat in kwistjoni jinzamm gewwa kamra fis-sular ta’ fuq li tintuza mis-senior messenger, liema kamra dejjem tkun miftuha. F'dak iz-zmien is-senior manager kien jismu Joseph Attard. Ma saret ebda indagini nterna fuq dan l-incident da parti tal-Korporazzjoni konvenuta.

L-attrici pprezentat prospett tal-oggetti li kien hemm gewwa l-handbag taghha li safa nieqes a fol 45 tal-process u kif ukoll xi ricevuti relattivi a fol 46 et seq. Hija spjegat x’gara dak in-nhar in kwistjoni tramite l-affidavit taghha. Hija tghid li waqt li kienet qed tistenna fil-queue nghalqu l-bibien peress li kien sar il-hin. Meta marret biex tinqeda mal-kaxxiera halliet il-handbag taghha fuq is-siggu. Kien ghad hemm xi tliet nisa ohra biex jinqdew warajha. Harget minghajr il-handbag pero ntebhet b’dan fejn it-tejatru mwaqqa u marret lura biex tigbru. Il-bibien kienu maghluqin u meta fethulha ma sabitux hemm. Ghamlet rapport l-ghassa u nsistiet biex tara s-security film. Mill-filmat il-handbag deher li baqa fuq is-siggu anke sakemm hargu n-nisa l-ohra li nqdew warajha u nghalqu l-bibien. Ghalhekk il-handbag baqa jidher sakemm gewwa kien hemm biss l-impjegati tal-Korporazzjoni konvenuta. Mill-filmat rrizulta wkoll li l-handbag sparixxa fl-intervall li kien hemm fuq il-filmat cioe interval ta’ minuta u ghaxar sekondi. Ghalkemm gie spjegat aktar il-quddiem minn xi mpjegati tal-Korporazzjoni li l-camera tahdem skond il-movimenti dan ma jispjegax il-fatt il-ghala l-istess camera ma hadmitx meta persuna gabret il-handbag minn fuq is-siggu.

Michelangelo Fenech ikkonferma l-verzjoni moghtija mill-attrici tramite l-affidavit tieghu.

Joseph Attard, li huwa senior messenger mal-Korporazzjoni jghid li ghalkemm il-monitors jinsabu fl-ufficcju tieghu, ma hux kompitu tieghu li joqghod maghhom jew li jikkontrollhom, anzi jafferma li proprjament ma hemm hadd inkarikat li joqghod ghassa maghhom. Difatti l-bieb tal-kamra tieghu gieli tibqa miftuha. Huwa jafferma li l-basket fil-fatt deher il-video meta ma kien hemm hadd gewwa l-branch u mbaghad ma setax jispjega kif il-basket ma baqax jidher u il-ghala l-video ma baqax juri x-xena ta kif gheb l-istess oggett. Jikkonferma wkoll li baqghet ma saret ebda nkjesta nterna fuq dan il-kaz. In segwitu dan ix-xhud ipprezenta pjanta li turi l-ufficini tal-Korporazzjoni kif inhuma mqassma w mnejn wiehed ghandu jghaddi biex jasal sal-ufficcju tieghu fejn kien hemm il-monitors.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta lil dan it-Tribunal li l-handbag tal-attrici kien ghadu jidher fil-fond tal-korporazzjoni konvenuta sal-mument meta hargu l-klijenti kollha u nghalqu l-bibien. Illi ghalhekk dan l-oggett gheb biss fil-perjodu ta’ hin meta gewwa kien hemm biss l-impjegati tal-istess Korporazzjoni u ghalhekk dan seta ntmiss biss minn xi hadd mill-impjegati. Il-fatt li s-sistema tal-cameras tahdem b’movimenti u l-fatt li l-playback tal-video ma jurix il-moviment tal-persuna qed terfa l-handbag anzi hemm lapsus ta’ minuta u ghaxar sekondi nspjegabbli fl-istess film ikompli jsahhah l-affermazzjoni mressqa mill-attrici li t-tehid tal-oggett in kwistjoni giet esekwita minn xi hadd minn ta gewwa li kellu l-fakolta u l-opportunita kollha wkoll li jassikura ruhu li l-agir tieghu ma jibqax jigi registrat fuq il-film. Li kieku l-handbag ittiehed minn klijent normali (li xorta wahda ma jistax ikun peress li dawn kienu lahqu hargu w l-bibien inghalqu fil-mument meta l-handbag kien ghadu jidher) dan certament ma

kellux l-istess opportunita, fakolta u sapjenza biex jara li l-moviment tieghu ma jibqax jidher registrat fuq il-film. Illi ghalkemm huwa minnu li l-attrici naqset li tiehu hsieb sew hwejjigha peress illi halliet il-handbag warajha, dan ma jiggustifikax il-fatt li tali oggett kellu jisparixxi mill-ufficini tal-Korporazzjoni fi spazju ta' ftit minuti f'mument meta l-fond kien maghluq ghal pubbliku. Jekk klijent jinsa xi haga warajh, l-impjegati tal-korporazzjoni ghandhom ikunu responsabbli u onesti bizzejjed biex jigbru dak l-oggett u jzommuh ghandhom sakemm jigu lura u jistaqsu ghalih. Anke jekk wiehed isib oggett fit-triq ghandu l-obbligu legali li jiehdu l-ghassa tal-pulizija. La darba l-oggett gheb fl-ufficini tal-Korporazzjoni fil-hin meta dawn kienu maghluqa ghal pubbliku u gewwa kien hemm impjegati taghha biss, ghandha tirrispondi l-Korporazzjoni ghal dan in-nuqqas. It-Tribunal jara wkoll li kien nuqqas ulterjuri da parti tal-istess Korporazzjoni meta din baqghet ma ghamlet ebda nkjesta nterna fuq dan il-kaz partikolarment wara li tqis il-fatt li hemm allegazzjoni serja ta tbghabis fil-filmat.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jilqa l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta kjamata fil-kawza u jillibera l-istess mill-osservanza tal-gudizzju, fit-tieni lok jichad l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta, kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess Korporazzjoni Konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma mitluba ta Euro1,979.96c (elf, disa' mija u disa' u sebghin ewro u sitta u disghin centezmu) (gia Lm850) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza nkluz dik tas-socjeta kjamata fil-kawza a kariku tal-istess Korporazzjoni konvenuta.”

L-aggravju tal-Korporazzjoni konvenuta fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza huwa f’din l-ordni:-

(1) Id-decizjoni tiddifetta minn nullita ghal raguni illi t-Tribunal ma pprovda ebda motivazzjoni l-ghala laqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza u lliberaha *ab observantia*;

(2) It-Tribunal ma spjegax fuq liema bazi legali kien qed izommha responsabbli ghar-rizarciment tad-danni;

Jigi osservat bi preliminari minn ezami taz-zewg aggravji, flimkien konsiderati, illi l-Korporazzjoni appellanti qeghda tadduci n-nullita` assoluta tad-decizjoni in kwantu ghar-raguni espressa fl-ewwel ilment u n-nullita` relattiva fil-kaz tat-tieni ilment ghall-mankanza ta’ esposizzjoni tal-motivi ta’ dritt ghas-sostenn tad-decizjoni fil-mertu;

Din il-Qorti tirrikonoxxi fuq l-ewwel punt illi forsi t-Tribunal seta’ offra mqar spjegazzjoni minima l-ghala accetta l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` assikuratrici kjamata fil-kawza mill-Korporazzjoni. Ad ezempju, seta’ anke jekk b’mod skematiku, irraguna illi bejn il-kumpanija assikuratrici u l-attrici ma kienetx tezisti ebda relazzjoni guridika jew, altrimenti, xi rapport partikolari dovut ghal xi accettazzjoni mill-istess kumpanija assikuratrici ta’ xi *claim* mill-attrici ghall-hlas ta’ indenniz, u, b’tali mod li seta’ jigi ragonat, linejarment ma’ gurisprudenza affermata, illi l-qaghda guridika baqghet immutata u ma ghaddietx minn fazi ta’ azzjoni *ex delicto* ghal fazi *ex contractu.* Ara “**Joseph Micallef *nomine* -vs- Carmelo Cassar**”, Appell Civili, 27 ta’ April, 1953 u “**Andrea Sammut -vs- George Agius *et***”, Qorti tal-Kummerc, 28 ta’ Mejju, 1980. Maghdud dan, minn naha l-ohra wiehed ghandu wkoll izomm in mira illi skond il-previzjoni tal-ligi l-procediment quddiem it-Tribunal adit hu wiehed sommarju u spedit [Artikolu 9 (2) (a), Kapitolu 380] u li, fuq kollox, dak l-istess procediment ma jitqiesx invalidu “minhabba fin-nuqqas ta’ tharis ta’ xi formalita” [Artikolu 9 (3) ta’ l-istess Kapitolu].

Jidher, imbaghad, f'dan il-kaz illi dik id-decizjoni tat-Tribunal li jakkolji l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` msejha fil-kawza kienet korollarja ghal dik tas-sejba mit-Tribunal illi l-veru u uniku legittimu kontradittur di fronte ghall-pretiza attrici, u dan anke jekk *per impliciter*, kienet eskluzivament il-Korporazzjoni, u mhux ukoll is-socjeta` assikuratrici li maghha l-attrici ma kellha ebda rapport;

Sew imbaghad ghal dak l-ewwel punt kif ukoll ghat-tieni wiehed it-Tribunal ma kienx tenut jissottometti argomentazzjoni *ex abundantia* ghas-sostenn tal-konvinciment tieghu bir-rikorrenza ghall-principji tad-dritt. Kien sufficjenti, anke ghar-ragunijiet fuq predetti, illi hu jindika dawk l-elementi ta' fatt estratti mir-rizultanzi probatorji ghall-adozzjoni tar-*ratio decidendi* tieghu. F'kull kaz u sa fejn hu possibbli din il-Qorti ser tittanta skond id-dehen taghha tikkolma dan il-"vojt" fl-istharrig minnha tal-meritu involut fit-tieni obbjezzjoni tal-Korporazzjoni;

Huwa fatt pacifiku illi l-attrici halliet il-*handbag* taghha fl-ufficcju tal-Korporazzjoni gewwa l-Belt. Huwa fatt ukoll illi dak il-*handbag* kien ghadu fuq is-siggu fejn hallietu wara li hargu l-ahhar klijenti, li bhalha marru biex ihallsu l-kont taghhom, u nghalaq il-bieb. Jinghad in effetti fl-Incident Report imhejji mill-Pulizija li investigaw il-kaz (fol. 21) illi "*on viewing the cameras (CCTV) it was established that the handbag in question was seen last on the camera at around 13.53.47 and discovered missing at around 13.54.57*". Huwa wkoll fatt accertat illi ghal xi raguni inspjegabbli l-camera ma "ffunzjonatx" u ma rregistratx ghall-intervall ta' minuta u ghaxar sekondi. Daqstant iehor huwa fatt ammess illi fil-kamra fejn jezisti l-apparat tar-*recording* b'dawk il-cameras qatt ma tkun imsakkra u ma jkun hemm hadd li jikkontrolla dak l-istess *recording*. Ara xhieda ta' Anthony Vella, ex-Senior Executive Officer mal-Korporazzjoni fol. 37. Ara wkoll id-deposizzjoni ta' Joseph Attard, Senior Manager mal-Korporazzjoni, li, filwaqt li jghid li l-monitor tas-security camera jinsab fl-istess ufficcju tieghu, is-sorveljar ta' dak il-monitor ma kienx jaqa' fil-mansjoni tieghu (fol. 64). Dan kif hekk ikkonfermat

ukoll mix-xhud Mark Lupi, Chief Information Officer ma’ l-istess Korporazzjoni a fol. 72;

Hi s-sottomissjoni tal-Korporazzjoni appellanti illi, anke ghab-bazi ta’ dawn l-elementi ta’ prova, hi ma kellhiex tigi ritenuta responsabbli ghat-trafugament tal-*handbag* ghaliex il-htija kienet ghal kollox addebitabbli lit-traskuragni ta’ l-attrici nnifisha li halliet il-*handbag* warajha meta harget mill-ufficcju;

Premess dan, bla dubju l-azzjoni extra-kontrattwali ghar-rizarciment tad-danni fil-konfront ta’ min hu tenut biex iwiegeb ghall-attijiet jew ommissjonijiet ta’ l-awtur tal-fatt illecitu hi ammessa sija fejn ikun indikat l-awtur ta’ dak il-fatt, sija fejn ma jkunx hekk maghruf, basta, s’intendi, li dan l-istess awtur ikun marbut minn rapport (f’dan il-kaz, wiehed ta’ impjieg) ma’ min ghall-att jew ommissjoni hu obbligat jirrispondi. Ravvizabbli f’dan li nghad hi dik l-esigenza anke ekwitativa ghat-terz danneggjat li hu jagixxi direttament kontra l-principal minflok li joqghod jirricerka biex jiskopri l-awtur materjali ta’ dak il-fatt illecitu, tant minhabba d-diffikolta ta’ din l-istess ricerka, kif ukoll ghaliex dak l-awtur jista’ wkoll jirrizulta insolvibbli;

Il-ligi taghna taht il-Kodici Civili tahseb ghall-qaghda bhal din fl-Artikolu 1037 li jipprovdi illi “kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta’ hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta’ hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta’ hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-ezekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi”;

In linea ta’ principju generali fuq dan il-punt hu sottolinejat mit-**Trimarchi** (“**La responsabilita` per fatto dei dependenti**”, RDC, 1959, 22) illi “*opportunamente il rischio viene addossato all’imprenditore, il quale può prevederlo meglio del singolo malcapitato che volta per volta ne è vittima: cio che è fortuito per quest’ultimo non è*

*fortuito per il primo, bensi conseguenza calcolata di una propria iniziativa. E percio l'imprenditore puo meglio premunirsi contro il rischio, assicurandosi. Viene cosi garantito il risarcimento al danneggiato, e soddisfa in tal modo un'esigenza che non dipende solo da considerazioni umanitarie, bensi anche dalla consapevolezza del grave danno economico e sociale derivante dall'abbattersi improviso della sventura su chi è impreparato di fronte ad essa*." Hu bl-istess mod konsimili, anke jekk mhux ghal kollox indentici ghall-kliem appena riportati, illi jesprimi ruhu l-**Franzoni ("Dei fatti illeciti"**, Ed. Utet 2004, pagna 234);

L-applikazzjoni tal-hsieb ta' dawn it-trattisti ghal kaz prezenti ghandu, sa certu punt, iwiegeb ghas-sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni appellanti. Dan fis-sens jekk il-Korporazzjoni adottatx, jew le, mezzi ta' kontroll u ta' sorveljanza b'apparat ta' monitoragg biex tilqa' kontra r-riskju li jistghu jsehhu fil-lok tant sensittiv fejn isiru l-pagamenti mic-cittadini u wkoll, kif jidher mill-istess atti, jekk assikuratx ruhha ghal dawk l-istess riskji, kif hekk jidher li hu proprju l-kaz, u ghal liema hi nsistiet ghas-sejha fil-kawza tal-kumpanija assikurativa. Dan ukoll fil-kaz tar-riskju hawn ikkontemplat fejn il-klijent ikun, b'aljenzazzjoni, momentaneja jew temporanja, nesa li jiehu hwejjgu mieghu qabel ma hareg mill-uffccju u dawn ikunu fil-frattemp gew trafugati minn xi hadd minn gewwa. Naturalment, bi twegiba ghal certa osservazzjoni tal-Korporazzjoni riflettenti fuq il-kondotta ta' l-attrici, ghandu jinghad illi biex dak il-fatt ta' aljenazzjoni jassumi verament riljev fil-mod minnha askrivibbli, dik il-kondotta ta' l-attrici trid *per forza* tigi mqeghda bhala kondizzjoni rilevanti ta' l-event finali tad-dannu, u dan, hawnhekk, fil-fehma tal-Qorti, ma huwiex il-kaz, jew, almenu, dik l-istess kondotta ma tidherx li tista' tekwivali ghal dik it-traskuragni u nuqqas ta' hsieb, kif guridikament mifhuma, u li l-Korporazzjoni timporta lill-attrici;

Issa huwa minnu illi d-disposizzjoni relattiva tal-ligi taht il-Kodici taghna (Artikolu 1037) tiffonda r-responsabilita`

f'min ihaddem jew fil-kommittent fuq il-principju tal-kolpa dovuta ghall-ghazla tad-dipendenti (*culpa in eligendo*). B'danakollu, dik l-istess disposizzjoni tipprovdi mbaghad ghall-alternattiva ta' l-ezami oggettiv tar-rizultanzi istruttorji, apparti dik soggettiva bl-uzu tal-preposizzjoni "jew". Dan kif gja senjalat *in extenso* mill-Qorti ta' l-Appell, sede civili, fil-kaz "**It-Tabib Joseph R. Grech -vs- Kummissarju tal-Pulizija**" deciz fl-1 ta' Marzu, 1988. Ukoll f'din l-ottika u tematika l-fattispeci tal-kaz prezenti oggettivament juru illi l-persuna apparentement addetta fl-ufficcju fejn kien sitwat il-monitor tas-security camera ma kienetx hekk kompetenti ghas-sorveljar ta' dak li kien qed isir u, forsi wkoll, ghaliex dak ma kienx parti mill-mansjoni tieghu. Tali qaghda tipresupponi, fil-fehma tal-Qorti, dik il-*mala electio* li tippreciza d-dottrina legali u l-gurisprudenza. (Ara "**Caterina Magro -vs- Don Santo Agius**", Appell Civili, 20 ta' Frar, 1920.) Jekk imbaghad wiehed joqghod ghal dak li ddepona x-xhud Mark Lupi fis-sens illi dik il-persuna, impjegat bhala messaggier, kienet hekk inkarigata biex tara u tassikura li l-monitor qed jahdem kif suppost, allura l-ghazla tieghu ghal dan il-kompitu lanqas ma kienet, oggettivament, impekkabbli gjaladarba baqa' ma gietx spjegata b'mod konvincenti l-"istramberija" (biex wiehed juza kliem PC 1161 Stephen Saliba, fol, 18), kif proprju fl-intervall li l-*handbag* kien qed jigi trafugat, il-monitor ma rregistrax ix-xena. Din l-inkompetenza hi ultimament attribwibbli lill-Korporazzjoni appellanti ghax, ukoll fiz-zmenijiet tal-lum bl-enfasi dejjem tizdied fuq il-*customer care*, il-qaghda kienet tesigi fil-Korporazzjoni t-tehid ta' azzjoni determinata ghall-harsien u l-interessi tal-*customers* li jirrikorru ghandha, u ghall-prevenzjoni tar-riskju li dawk l-istess *customers* jistghu jsibu ruhhom assoggettati ghalihom;

Imprexxindibilment minn nozzjoni tal-*culpa in eligendo* jidher li hu l-orjentement gurisprudenzjali ta' dawn l-ahhar snin illi r-responsabilita` fil-kommittent jew f'min ihaddem hi wkoll presupposta ghall-kondotta produttiva tad-dannu tal-persuna inkarigata mix-xoghol jew tad-dipendenti tieghu. Ara, fost ohrajn, is-sentenzi esebiti fl-atti fl-ismijiet "**Michael Balzan -vs- Lawence Ciantar *nomine***", Prim'

Awla Qorti Civili, 6 ta' Ottubru, 2002 per Imhallef David Scicluna u "**Emmanuel Sammut *et* -vs- Chief Government Medical Officer *et***", Prim' Awla Qorti Civili, 12 ta' Dicembru 2002 per Imhallef Raymond Pace. Hawnhekk, il-Qorti tixtieq tirregistra din il-parentesi. Wasal iz-zmien li r-responsabilita` tal-kommittent jew tal-principal tigi statutorjament ridefinita bl-eliminazzjoni ta' l-enfasi zejda ghal dik li hi l-konnessjoni tal-htija mal-ghazla ta' l-inkarigat jew tad-dipendenti, biex b'hekk l-ligi taghna f'dan ir-rispett ssir uniformi ghal dik tal-legislazzjoni moderna ta' pajjizi ohra; ad ezempju, skond il-mudell ta' l-Artikolu 2049 tal-Kodici Civili Taljan. Rakkomandazzjoni ghal din ir-riforma lill-awtoritajiet kompetenti kienet diga saret 'il fuq minn 40 sena ilu meta gie osservat illi "l-limitazzjoni ezistenti fil-ligi taghna tar-responsabilita tal-padruni u kommittenti, ghad-danni kagonati mill-kommessi u mpjegati taghhom fl-ezercizzju ta' l-inkombenza li ghalihom jiddestinawhom, ghal kaz biss ta' *culpa in eligendo*, sa fejn taf il-Qorti, ilha zmien li giet fil-pajjizi kollha abbandonata u sostitwita b'disposizzjonijiet li jaghtu wisq aktar protezzjoni lid-danneggjat fil-konfront tal-padrun jew kommittent. Il-limitazzjoni tal-ligi taghna mhux biss tista' kultant twassal ghal rizultati inekwi izda tindika wkoll li ma nzammx il-pass mal-progress legali generali f'dan is-settur importanti tal-ligi" ("**Magistrat Dott. William Soler *nomine* -vs- Onor. Dott. Fortunato Mizzi *nomine***", Appell Civili, 10 ta' Marzu, 1967);

Apparti din is-senjalazzjoni, ukoll bl-applikazzjoni tal-ligi kif inhi, l-ilment tal-Korporazzjoni appellanti ma huwiex accettabbli u ma jwassalx biex jikkontrapponi ruhu ghad-deduzzjonijiet fattwali maghmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

Ghal motivi kollha su-indikati din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu sopportabbli wkoll mill-Korporazzjoni konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------